**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 11 ta' Lulju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 135 / 16RGM

Kawza fil-lista: 20

**W X**
**vs**
**P Q;**
**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi omm l-esponenti, id-defunta A E kellha rapport sesswali mal-intimat P Q u li minn dan ir-rapport sesswali nhar is-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elf disa'mija u tlieta u sittin (1963) twieldet l-esponenti;

2. Illi dan kollu huwa kkonfermat fl-affidavit tad-defunta A E li qieghed jigi hawn mmarkat bhala Dok 'A;

3. Illi nonostanti dan il-fatt, fuq ic-certifikat tat-twelid, l-esponenti hija mnizzla bhala li ghandha 'unknown father' ;

4. Illi l-esponenti trid li tkun certa li hija l-wild bijologika tal-intimat P Q u konsegwentement trid li jsir test tad-DNA sabiex jigi assigurat li hija l-bint bijologika tal-intimat P Q;

5. Illi la darba hija tkun certa li l-intimat P Q huwa l-missier bijologiku taghha, dan ghandu jkun regsitrat fid-dokumenti tar-Registru Pubbliku sabiex hija ma tibqax irregsitrata bhala 'unknown father’;

Ghaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-intimati ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-esponenti li qeghda hawn titlob sabiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta necessarja u opportuna, joghgobha:

1. Tordna lill-intimat P Q sabiex flimkien mal-esponenti jersaq ghat-test tad-DNA;

2. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, l-esponenti hija l-wild naturali tal-intimat P Q u dan okkorrendo bin-nomina ta’ esperti medici sabiex jikkonfermaw it-test tad-DNA;

3. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, l-intimat P Q huwa l-missier naturali tal-esponenti;

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Regsitru pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-Twelid u dana billi fl-istess att jigi mnizzel isem il-missier bhala l-intimat P Q;

5. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut P Q li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti ghandha tiddikjara fuq liema Artikoli tal-Ligi qeghda tibbazata l-azzjoni odjerna u dan stante li ma jirrizultax car, mir-rikors promotur, fuq liema istitut guridiku qed tigi bbazata l-azzjoni odjerna;

2. Illi preliminarjament ukoll, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament ukoll, il-kawza odjerna hija kolpita minn kawza llecita stante li l-Qorti qed tintalab tissanzjona att illegali li twettaq minn omm ir-rikorrenti meta fid-dokument ufficjali tal-Att tat-Twelid iddikjarat lil missier ir-rikorrenti bhala "unknown father" meta fl-affidavit taghha, l-istess A E tghid li dak iz-zmien kienet taf min hu missier ir-rikorrenti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u preliminarjament ukoll, il-kawza odjerna hija kolpita minn kawza llecita stante li l-Qorti qed tigi indotta tippartecipa fi frame up tal-intimat u dan kif jirrizulta mill-motivazzjoni ferm dubbjuza tal-kawza odjerna u dan kif johrog mill-fatt li f'dawn it-52 sena minn meta allegatament sehhew l-azzjonijiet, la r-rikorrenti u lanqas ommha ma qatt avvicinaw lill-intimat jew lil xi awtorita' pubblika sabiex jirrapportaw l-allegazzjonijiet malizzjuzi taghhom u dan meta huwa ammess minnhom stess li omm ir-rikorrenti minn dejjem kienet tghidilha bl-allegazzjoni li "Freddy tal-pastizzi kien missierha";

5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li fl-ebda mument ma kien hemm rapport sesswali bejn omm ir-rikorrenti u l-intimat kif qieghed jigi allegat;

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fiz-zmien li qed tirreferi ghalih ir-rikorrenti, flimkien mal-intimat kienu jahdmu tlett ahwa subien u missier l-istess intimat u b'hekk t-test tad-DNA mitlub mir-rikorrenti m'hu se jindirizza ebda talba tar-rikorrenti;

7. Salv eccezzjonijiet ohra;

Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti kif ukoll tal-atti gudizzjarji relattivi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkoncemanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu l00A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghas-suespost f’kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil konvenut P Q sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu, permezz ta' nota li tispecifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-Identita, (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta` tieghu meta twieldet ir-rikorrenti W X, (4)

il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija rikonenti, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet ir-rikorrenti. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tar-Rikorrenti W X;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi r-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota tal-attrici tal-4 ta’ Ottubru 2016 li permezz taghha ddikjarat illi l-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-artikolu 86A tal-Kap. 16.

Rat in-nota tal-konvenut P Q tal-21 ta’ Ottubru 2016 li permezz taghha irtira t-tieni eccezzjoni tieghu fejn eccepixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici.

Semghat ix-xhieda tal-konvenut fl-udjenza tat-28 ta’ Frar 2017.

Rat id-digriet taghha moghtija fl-istess udjenza li jaqra kif gej:-

“Il-Qorti kkunsidrat illi jezistu l-estremi sabiex tordna li jsir it-test tad-DNA fuq il-persuni tal-attrici u tal-konvenut P Q, u ghal dan il-ghan tinnomina a spejjez provvizorjament tal-attrici lil Dr Marisa Cassar bis-soliti fakultajiet inkluz li televa kampjuni minn fuq l-attrici u minn fuq il-konvenut wara li tassigura ruhha mill-identita' tal-persuni li jkollha quddiemha, inkluz li zzomm kopja tal-karti tal-identita'.”

Rat ir-rapport xjentifiku rredatt mill-esperta gudizzjarja Dr Marisa Cassar mahluf fil-11 ta’ April 2017 (fol. 35) fejn gie certifikat illi l-konvenut P Q huwa l-missier natural ital-attrici W X.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Azzjoni Attrici**.

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici, li ghandha att tat-twelid li jghid li ghandha missier mhux maghruf, qed titlob illi l-Qorti tiddikjara lill-konvenut Q bhala l-missier bijologiku tal-attrici

L-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-**Artikolu 86A tal-Kap. 16:-**

*(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattii.*

L-attrici prezentat l-affidavit ta' ommha A E mahluf quddiem in-Nutar Dr Carmel Gafa' fis-26 ta' Frar 2016. L-affidavit taghha jaqra kif gej:-

*"Meta kont ghadni zghira hafna, jien kont nahdem fil-forn tal-pastizzi ta' Q bl-isem ta' 'Q Pastizzeria' Meta kont nasal mill-iskola, kont immur il-pastizzerija u wiehed mill-ahwa Q kien iwassalni hdejn l-Isptar San Luqa sabiex inbiegh il-pastizzi hemm.*

*Irrid nghid li jien bdejt nahdem mal-familja Q meta kien ghad keili biss tmin (8) snin u mbaghad meta kbirt u kelli hmistax-il sena (15) bqajt nahdem hemm ghal Lira fil-gimgha. Jien kont bdejt nghin lil wahda mil-ahwa li kien jisimha Gracey, fejn jien kont nghinha tahsel il-hwejjeg.*

*Darba minnhom filghodu meta kelli sittax-il sena (16), kont qed nghin lil Gracey tahsel il-hwejjeg fil-kamra tal-banju. F'hin minnhom, Gracey telghet fuq u f'daqqa wahda dahal fl-istess kamra fejn kont jien, huha Freddy. X'hin rajtu diehel, jien ghedtlu biex iwarrabli halli nkun nista' nohrog mill-kamra, izda dan Freddy, ma halliniex nohrog u f'daqqa wahda jien spiccajt mal-art.*

*Niftakar li kont liebsa qalziet u flokk b'komma qasira. Niftakar li Freddy ma kienx rager twil forsi ftit itwal minni, izda niftakar li tefghani ma' l-art, nehhili l-qalziet ta' fuq u l-qalziet ta' taht u minn dak il-hin jien bdejt inwerzaq kemm niflah u nibki, pero` hu ghalaqli halqi u beda jghidli 'oqghod kwieta'.*

*Niftakar car hafna li jien hassejt ugih kbir taht zaqqi. Freddy wara li nqeghda, qabad u telaq l'isfel. Jien indunajt li keili d-demm ma' kuxtejja u mal-parti tieghi. Sa dak il-hin, ghalkemm jien hassejt xi haga diehla go fija, jien ta' tifla li kont, ma kontx naf li dak li kien ghamel Freddy kien att sesswali.*

*Wara din l-esperjenza kerha, jien ghedt lil Gracey li kont ma niflahx u li kont ser inmur id-dar. Meta wasalt id-dar, sibt lil ommi u kif ratni bid-demm, staqsitni jekk kienx. rega, gieni l-affari. Jien ghedtilha li le, imma ghedtiha li kien ghola kelb mieghi u hadt qata u gieni l-affari. Imbghad bdilt il-qalziet ta' taht u ergajt mort lura l-forn.*

*Irrid nghid li kif mort lura, il-forn kien hemm kulhadd. Freddy kien hemm, pero` ma kellimnix u jien ma kellimtux, sa dak il-hin ma kontx naf li Freddy kien ghamel l-att sesswali mieghi. Jien ma kontx naf x'kien gara ezatt.*

*Jien bqajt immur il-forn. Irrid nghid li qabel dan kollu, Freddy kien johrog ma' wahda, pero` niftakar li missieru kien jghidlu li ma kienx iridha fil-familja taghhom, izda wara dak li gara, missieru kien accettahha u fil-fatt Freddy kien izzewwigha u ghadu maghha sa llum.*

*Wara xahar minn din l-esperjenza kerha, bdiet tugghani rasi u ommi gabitli t-Tabib li niftakar li kien it-Tabib Denaro tal-Belt. It-tabib kien staqsieni quddiem ommi jekk ghamiltx xi haga u qalli 'jekk ghamilt xi haga ghidli issa biex inkunu nistghu nirrangaw, inkun nista' ntik xi haga', pero jien bqajt nghid li le.*

*Wara tlett xhur minn meta gie t-tabib, jien bqajt inhoss xi haga go fija u bdejt nghid mela x'ghandi? Kont nitla'fuq il-bejt naghmel halqi got-toqba tal-katusa u nirremetti. Jien kont nahseb li ghandi xi haga.*

*Niftakar li xi zmien wara, ghalkemm jien kont daqsxejn mibruma, ohti Nina kienet qalet lil ommi 'ohti m'hiex togghobni, zaqqha qed tiddendlilha'. Fil-fatt, wara xi zmien niftakar li gabuli tabib iehor u wara li nvistani qal lil ommi li jien kont tqila. Ommi bdiet tibki u tghati fuq wiccha. Oht ommi bdiet tghid man-nies 'it-tifla ta' ohti harget tqila minn Freddy tal-forn'. Darba minnhom Gracey, oht Freddy, kienet semghatha tghid hekk u kienet taghatha xebgha.*

*Gracey kienet giet id-dar taghna u qaltilna li jekk issir taf ommha, b'rasna kien idur. Ahna ddecidejna li noqghodu kwieti u niftakar li lanqas lin-nannu u lin-nanna li kienu jghixu fl-istess dar maghna ma konna ghedna.*

*Niftakar li wara Santa Marija, kienu haduni go sptar u Ngieret gor-Rabat Ghawdex u wara xhur hemmhekk, jien wellidt tifla l-gmiel taghha u kont kuntenta hafna bit-tifla u fl-istess hin dispjacuta hafna ghal dak li ghamilli Freddy.*

*Niftakar li xtrajt lit-tifla t-Tnejn fl-ghaxra ta' bil-lejl u gennewni biex naghtiha ghall-adozzjoni. Niftakar li kien hemm qassis jismu Dun Gejt. Jien irrifutajt li naghti lit-tifla. Dun Gejt beda jghidli biex jehodha u jien bqajt ma naccettax. Telghu tal-familja jarawni , qaluli biex inzommha. Niftakar li ghammidnija l-*

*ghada t-Tlieta u semmejtha W ghax missieri kien jismu Ninu ghax dak iz-zmien kienu jsemmu ghall-qaddisin.*

*Irrid nghid li domt gimgha Ghawdex u kif mort id-dar bdejt inrabbi lit-tifla. Wara xi xahar sibt xoghol il-Pheonix il-Mosta u kont inhalli lit-tifla ma' ommi, pero` ma tantx domt ghax kien hemm fan jaghmel hoss qisu ta' tarbija u jien kont nahseb li t-tifla kienet qed tibki. Wara jien bdejt nahdem il-Whimpy.*

*Niftakar li darba giet mara jisimha Nena tac-Capija u qalti li l-familja ta' Q riedu jaraw lit-tifla u ommi qaltli biex nghidu lill-kappillan u dak li jghidlna l-kappillan naghmlu. Ommi saqsiet lill-kapillan u dan qalilha titlaqiex minn idejk.*

*Gheluq is-sentejn, konna qeghdin nilghabu tombla u giet oht Freddy, li kienet giet mill-Ingilterra u qaltilna 'kemm hi helwa din it-tifla'. Dak il-hin qabzet ohti u qaltilha dik ta' Frerddy, ta' huk, u qabdu t-triq u telqu l'hemm.*

*Irrid nghid li Freddy mexa ta' annimal mieghi, pero` ommu kienet qalet, 'jien hallejt xi haga lit-tifla mhux lil ommha'. Irrid nghid li Freddy qatt ma kellimni u b' ilsien in-nies ma kienx joqghod u anki ghamel zmien jghix l-Awstralja.*

*Jient minn dejjem ghedt lit-tifla tieghi li Freddy tal-pastizzi kien missierha u nghid li missier Freddy dejjem kien jghid li hadd ma jmiss lit-tifla.*

*Niftakar ukoll li peress li t-tifla kienu jaqbdu maghha t-tfal, jien kont inmur ghas-sodisfazzjoni ghand il-genituri taghhom u gieli kont immur mal-istess genituri quddiem il-pastizzerija u kont nghajjat kemm niflah 'ghalkemm bla missier, jien naf min hu missierha'."*

Fl-udjenza tat-28 ta' Frar 2017 l-attrici sejhet lill-konvenut P Q sabiex jaghti t-testimonjanza.tieghu.  Huwa cahad li kien qatt kellem lil A E:-

Isegwu siltiet mix-xhieda tieghu:-

*"Dr Mario Mifsud: Meta ltqajt l-ewwel darba ma' A E?*

*Xhud: Kienet tahdem maghna.*

*Dr Mario Mifsud: Ghandek amment tad-data meta ltqajt maghha?*

*Xhud: No.  Ma niftakarx.*

*Dr Mario Mifsud: Tista' tghid lill-Qorti x'kienet taghmel ezatt gewwa l-pastizzeria ta' missierek?*

*Xhud: Ma niftakarx.*

*Dr Mario Mifsud: Inti kont tkellimha lil A E?*

*Xhud: No.*

*Dr Mario Mifsud: Qatt ma kellimtha lil A E?*

*Xhud: Qatt ma kellimtha le.  U kienu jigu jixtru minghandi dawn u qatt ma kellmuni lili.*

*Dr Mario Mifsud: Jien qed niehdok mhux meta kienu jixtru minghandek, qed nghidlek fuq A E.*

*Xhud: Iva.*

*Dr Mario Mifsud: Ara nghidlekx sew li fl-1963 inti kont tafha sew lil A E.*

*Xhud: No.*

*Dr Mario Mifsud: Ara nghidx sewwa li hi kienet tahdem maghkom, inti taf jekk A E  kinitx tahdem ma' ohtok Gracey?*

*Xhud: Ma niftakarx.*

*Dr Mario Mifsud: Inti ghamilt l-att sesswali ma' A E?*

*Xhud: Ma niftakarx.".*

Il-konvenut Q spjegat illi apparti hu, fil-pastizzerija ta' missieru kienu jahdmu tlett hutu subiex ohra, oltre missieru.

Wara li ezaminat ix-xhieda ta' A E u tal-konvenut P Q il-Qorti kkonkludiet li kienu jezistu l-estremi sabiex tordna li jsir it-test tad-DNA.

L-esperta gudizzjarja Dr Marisa Cassar xehedet bil-mezz ta' affidavit u pprezentat ir-rapport tad-DNA.  Jaqra kif gej:-

*"Jien gbart il-kampjuni orali ta' W X u ta' P Q sabiex ikunu jistghu isiru t-testijiet ta' DNA (Paternity test).*

*It-testijiet li ghamilt irrizulta illi P Q hu l-missier naturali ta' W X. Dan ir-rizultat jinsab dikjarat fir-rapport PT1701109 li jien iffirmajt."*

Ikkonsidrat;

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Glenda Farrugia pro et noe vs Direttur tar-Registru Pubbliku et**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 fejn il-Qorti kienet giet mitluba tiddikjara illi persuna mejta kienet il-missier bijologiku ta' iben l-attrici. F'dik il-kawza omm id-decujus kienet ikkontestat it-talba attrici peress li t-test tad-DNA maghmul in parte fuq it-tessut prelevat minn fuq il-katavru ezumat tad-decujus ma kienx konklussiv. Omm id-decujus kienet sostniet f'dik il-kawza illi binha kien jassiguraha qabel miet li ma kienx missier iben l-attrici u li fiz-zmien rilevanti l-omm kellha relazzjonijet intimi ma' diversi rgiel. Il-Qorti tal-Appell ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

"Kif wiehed jista' jara mill-atti tal-kawza hemm provi konfliggenti dwar ir-relazzjoni bejn il-mejjet u l-appellata fix-xhur qabel it-twelid tal-minuri. F'gudizzju civili l-Qorti trid tiddeciedi fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet **Zammit v. Petroccochino,** (Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952 ); il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabbiltajiet; b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja taddubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo' – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003).

Lura ghall-kawza odjerna, fuq naha ghandna ic-cahda da parti tal-konvenut P Q li xehed illi lill-omm l-attrici lanqas qatt kellimha u fuq in-naqa l-ohra ghandha ix-xhieda tal-attrici u ta' ommha, korroborati mit-test tad-DNA maghmul mill-esperta mahtura mill-Qorti.

It-test tad-DNA ma jhalli l-ebda dubju illi l-attrici hija effettivament il-bint bijologika tal-konvenut P Q. Il-Qorti trid hawn tirrimarka illi fid-xhieda tieghu il-konvenut P Q kien ekonomiku mal-verita' meta xehed illi lill-konvenuta kien jafha tahdem fil-hanut tal-pastizzi ta' missieru izda qal illi lill-omm l-attrici ma kienx ikellimha. Izda mistoqsi jekk fiz-zmien rilevanti kienx ghamel l-att sesswali ma' omm l-attrici irrisponda "Ma niftakarx".

Il-Qorti, wara li kkonsidrat ix-xhieda tal-attrici u ta' ommha A E u wara li kkonsidrat it-test tad-DNA qed tiddeciedi illi l-konvenut P Q huwa effettivament il-missier naturali tal-attrici W X.

**Eccezzjonijet tal-Konvenut P Q**.

L-ewwel giet sorvolata bin-nota tal-attrici tal-4 ta' Ottubru 2016 filwaqt li t-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet irtirata mill-konvenut Q fil-21 ta' Ottubru 2016.

It-tielet eccezzjoni.

*Illi preliminarjament ukoll, il-kawza odjerna hija kolpita minn kawza llecita stante li l-Qorti qed tintalab tissanzjona att illegali li twettaq minn omm ir-rikorrenti meta fid-dokument ufficjali tal-Att tat-Twelid iddikjarat lil missier ir-rikorrenti bhala "unknown father" meta fl-affidavit taghha, l-istess A E tghid li dak iz-zmien kienet taf min hu missier ir-rikorrenti;*

Il-Qorti tistqarr li kienet xi ftit perplessa b'din l-eccezzjoni. Permezz ta' din l-eccezzjoni l-konvenut qed isostni illi una volta omm l-attrici tistqarr fl-affidavit taghha illi fiz-zmien it-twelid tal-attrici hija kienet taf min hu missier it-tarbija, l-att tat-twelid tal-attrici "huwa kolpit minn att illecitu" u allura l-ebda azzjoni ma tista' tittiehed mill-attrici fir-rigward. Eccezzjoni din illi mhux biss hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt izda bir-rispett kollu ghandha mill-assurd. Huwa universalment accettat illi f'cirkostanzi simili bhal dawk tal-kawza odjerna it-tarbija hija dejjem il-vittma irrispettivament x'ikunu ghamlu l-ġenituri bijologici taghha. Kif rajna supra Artikolu 86A tal-Kap 16 jipprovdi illi**:-**

*"(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u* ***__dak l-istess tifel,__*** *jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relatati.*"

Ma hemm l-ebda fundament legali fl-eccezzjoni imressqa illi l-att tat-twelid li jghid li l-missier mhux maghruf huwa kolpit b'kawza illecita. Una volta fiz-zmien rilevanti omm l-attrici ma kenitx mizzewga, ir-registrazzjoni tal-missier kienet tiddependi mill-istess missier li jersaq 'il quddiem u volontarjament jirregistra ruhu bhala missier it-tarbija. Altrimenti, anke jekk l-omm tkun certa min hu l-missier, id-dikjarazzjoni taghha wahedha mhux bizzejjed u fuq ic-certifikat tat-twelid jitnizzlu l-kliem "unknown father".

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Ir-raba' eccezzjoni.

Permezz tar-raba' eccezzjoni tieghu il-konvenut Q eccepixxa illi "fl-ebda moment ma kien hemm rapport sesswali bejn omm ir-rikorrenti u l-intimat kif qieghed jigi allegat".

Din l-eccezzjoni irrizulta li ma hiex fondata. It-test tad-DNA ma jhalli l-ebda dubju li l-konvenut Q huwa missier l-attrici. Fl-affidavit taghha omm l-attrici xehdet b'dettal il-mod kif il-konvenut Q kellu rapport karnali maghha meta kien ghad ghandha sittax-il sena. Il-konvenut Q min-naha tieghu mistoqsi waqt ix-xhieda tieghu jekk kienx ghamel l-att sesswali ma' omm l-attrici irrissponda "Ma niftakarx".

Anke r-risposta tal-konvenut hija kontradittorja ghar-raba' eccezzjoni tieghu. Jekk verament il-konvenut ma jiftakarx jekk kellux rapport karnali ma' omm l-attrici lura fis-sena 1963, fl-eccezzjoni tieghu kellu jghid li ma jiftakarx u mhux jiddikjara bil-gurament illi qatt ma' kellu rapport intimu maghha.

Din l-eccezzjoni qed tigi wkoll respinta.

Is-sitt eccezzjoni.

*Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fiz-zmien li qed tirreferi ghalih ir-rikorrenti, flimkien mal-intimat kienu jahdmu tlett ahwa subien u missier l-istess intimat u b'hekk t-test tad-DNA mitlub mir-rikorrenti m'hu se jindirizza ebda talba tar-rikorrenti;*

Il-Qorti mhiex certa jekk il-konvenut Q hux qed jeccepixxi illi t-test tad-DNA ma hux l-aqwa prova f'kawzi ta' filjazzjoni. Donnu l-konvenut Q qed jinsinwa li missier it-tarbija jistghu ikunu jew missieru jew xi hadd minn hutu u li ghalhekk it-test tad-DNA ma hux prova sufficjenti ta' min hu l-missier.

L-ewwelnett jigi rilevat li ma hemm l-ebda prova li fiz-zmien rilevanti kien hemm haddiehor, apparti l-konvenut Q, li kellu rapport intimu ma' omm l-attrici. Ghalhekk l-insinwazzjoni tal-konvenut Muzcat illi jew missieru jew hutu seta kellhom relazzjoni intima ma' omm l-attrici minghajr l-ebda xrara ta' prova qed tigi konsidrata bhala tentativ estrem sabiex jiskolpa ruhu. Naturalment quddiem il-prova tad-DNA l-ebda tentativ da parti tal-konvenut Q sabiex jitfa' dubju dwar dak li gara ma jita' jkollu l-effett li jinnewtralizza l-aqwa prova ta' filjazzjoni.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi wkoll respinta.

Dwar il-kap tal-ispejjez il-Qorti qed tikkonsidra lill-konvenut P Q bhala l-parti sokkombenti f'din il-kawza u ghalhekk qed tikkundannah ihallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza inkluz l-ispejjez tal-perizja tad-DNA.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Q u tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur bil-mod kif hawn deciz;

1. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut P Q huwa l-missier naturali tal-attrici.

2. Tilqa' r-raba talba attrici u tordna li fl-att tat-twelid tal-attrici jigu kancellati l-kliem 'unknown father' u minflok jitnizzlu isem u kunjom il-konvenut P Q u l-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw fin-nota tieghu tas-6 ta' Gunju 2017 (fol. 42).

3. Tilqa' l-hames talba attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut P Q inkluz l-ispejjez tal-perizja tad-DNA.

**Imhallef** **Deputat Registratur**